IR-RABA' KTIEB
TAL-ERBATAX-IL SENA

DIĊEMBRU
1938

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Ilsien Malti u Ilsna oħra—Lill-Madonna tal-Karmnu (D.K.) — Il-Lejl tal-Milied (Ġ. ELLUL)—Fid-dlam tal-lejl (Ġ. CHETCUTI) — Tagħrifa żgħira (P.P.S.) — Liż-żagħżugħ Poeta (R.M.B.) — Seħer f'Ħaġar Qim (L. CUTAJAR) — L-ewwel imħabba (Ġ. CHETCUTI) —Lill-Kanarin (D. K.)—'L hawn u 'l hemm fid-Dizzjunarju tal-Malti (P.P.S.) — Poeti t-tnejn (ROMEO L. PSAYLA) Għajdut Malti (R.M.B.) — Żewġ Romanzi u Grammatika (F.S.C.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1938


## IL-LSIEN MALTI U ILSNA OĦRA

Il-lsien hu l-għodda sabiħa, tal-għaġeb, li biha nfissru lil għajrna l-ħsibijiet tagħna, it-tqanqil ta' qalbna, il-ġrajjiet ta' ħajjitna.

Kull pajjiż, kbir jew żgħir, li hu mifrud mill-oħrajn b'xi dawra muntanji jew bil-baħar, aktarx għandu l-lsien tiegħu li ssawwar u kiber man-nies li tgħammar fih, u li xxebbah max-xejriet u mal-ħtiġiet ta'dak il-poplu: u jekk dawk in-nies ma humiex maqtugħin għal kollox minn pajjiżi oħra u għandhom ħjiel ta' kultura, aktarx issibilhom ukoll xi daqsxejn ta' letteratura.

Issa billi l-bniedem hu minnu għajjur għat-tagħlim, u jixtieq jaf kif jaħseb, kif iħoss u kif igħix il-ġar tiegħu, biex 'kk jista' jkun jitgħallem xi ħaġa tajba mingħandu, u billi mhux kulħadd f'pajjiż jista' jagħraf u jifhem il-lsien ta' pajjiż barrani, xi nies għorrief fl-ilsna u kbar fl-imħabba ta' pajjiżhom u ta' ġenshom ħasbu li jaqilbu fi lsienhom il-kitba ta' pajjiżi u ta' ġnus barranin, li għall-għerf jew għall-ġmiel tagħħa kien jixraq li tkun magħrufa. U hekk aħna nsibu li bosta kitba griega—ta' filosofija, matematika, poeżija ecc--inqalbet fil-Latin, u għenet ħafna lil Ruma biex tasal fil-kobor tagħħa. Fi żmenijiet aktar qrib lejna, bosta kitba latina—ta' storja,

poeżija, liġi eċċ.—inqalbet nistgħu ngħidu fl-ilsna tal-pajjiżi kollha ċivili. U għalkemm il-lum il-bogħod bejn pajjiż u ieħor nistgħu ngħidu li ġie fix-xejn u l-ġnus resqu ħafna lejn xulxin u l-ilsna saru iżjed magħrufa, baqgħet tinħass bħal qabel il-ħtieġa li t-tajjeb u s-sabiħ ta' l-ilsna barranin jinqalbu fil-lsien tal-Pajjiż, għax it-tajjeb dejjem tajjeb u s-sabiħ dejjem sabiħ, u bit-tajjeb u bis-sabiħ tista' dejjem tistaħja u titqawwa l-letteratura ta' kull pajjiż u mal-letteratura tirtoqom u tiżżejjen il-ħajja.

Biżżejjed wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn il-letteraturi ta' l-Ewropa biex jara kemm hi qadima u kemm hi qawwija din il-fehma fil-ġnus. Ma hemmx opra kbira u sabiħa f'letteratura li ma ġietx maqluba fl-ilsna l-oħra kollha tal-Kontinent.

Aħna li nafu kemm jista' jkun fejjiedi, mhux biss għan-nies ta' Malta, iżda wkoll għall-ftuħ, għall-għana u għaż-żîna tal-lsien malti, il-qlib ta' kotba sbieħ u tajbin li huma l-għaxqa u l-għaġeb ta' ilsna oħra, nixtiequ nħeġġu lil xi żgħażagħ, poeti u prożaturi minn tagħna li jħossu din ix-xejra u għandhom tagħrif tajjeb ta' xi ilsna barranin, li jaqilbu minn dawk l-ilsna xi ġahwriet ta' poeżija u ta' proża fil-lsien tagħna—li għalkemm għad mhux imħaddem biżżejjed, għandu setgħat kbar—biex jagħtu lill-kelma maltija l-ħila li tfisser ħsibijiet u ġrajjiet li m'humiex tagħna.

U ma tkunx imbagħad ħaġa sabiħa kieku ġurnata, f'sura ta' ktieb, tidher ġabra mżewqa ta' poeżijiet u ta' biċċiet ta' proża ħelwa u tas-saħħa miġjubin minn ilsna barranin fil-lsien malti ?

# Lill-Madonna tal-Karmnu

## TALBA

*(F'siegħa ta' niket)*

Madonna, la tinsiex li l-mara tajba
li kienet ommi tatni l-isem tiegħek
għax kellha tama fik u xtaqet, xtaqet
li binha ċ-ċkejken jibqa' dejjem miegħek:

U kienet tgħidlek ta' sikwit (dan nafu,
għaliex qal'thuli hi meta bdejt nifhem):
"Jekk Karmnu jwarrab minnek, ħudu mn'issa,
Għax jiena mħabba fik tajtu dan l-isem."

Issa, Madonna, dik il-mara tajba
li kienet ommi u tatni l-isem tiegħek,
qiegħda bla kelma ġewwa qabar ċkejken,
u jien bqajt waħdi hawn nitkellem miegħek:

Madonna, int li taf x'ifisser niket,
nitolbok la tinsiex il-kelma t'ommi:
jekk l-hemm li ninsab fih ibegħ'dni minnek,
"Iġborni miegħek"; din qalbi fuq fommi.

DUN KARM

Fit-3 ta' Novembru, 1938.

# IL-LEJL TAL-MILIED

Kien lejlet il-Milied; u għadilli kienet kesħa xxoqq il-għadam, il-lejla kienet waħda minn l-isbaħ.

Fuq din id-daqsxejn ta' blata—imsejħa Malta—li jekk tħares lejha mill-għoli ma tistax ma tistħajjilhiex ħaġra sfajra daqsiex f'nofs dawra kaħla bla tarf, jafu jagħmlu ljeli xitwin li tabilħaqq igħaxxqu qlub dawk li jafu jħarsu lejn il-Ħolqien tal-għaġeb li bih aħna mdawrin.

Iżda, mill-banda l-oħra, biex wieħed jista' jitgħaxxaq sewwa bil-ħolqien ma jridx żaqqu tkun fiergħa u ġismu mterter bil-bard ! Min hu nofsu mitmugħ u kollu kemm hu mirżuħ, wisq ftit iħabbel rasu bi ġmiel il-ħolqien u bil-kittieba li jitilfu s-sigħat ifaħħru ġmielu fuq il-karta, waqli mkennin f'xi kmajra msaħħna, bil-qiegħda ħdejn mejda bid-dawl fuqha, b'sigarett imkebbes qed jaħraq it-tarf tal-mejda u huma jħażżu bla heda, b'bieqja kafè jew tè sħun ħdejhom.

Hawn xi wħud fost dawn il-kittieba li ma għandhomx ħila jqattgħu siegħa barra mid-dar f'lejla xitwija safja u kiesħa; u b'dankollu jafu jgħaxxquk bil-kitba tagħhom dwar il-ġmiel xitwi tal-ħolqien fin-ngħas ħelu tiegħu...; u hawn tallaba u bnedmin oħra msejkna li jgħaddulek il-ljieli sħaħ itertru fil-beraħ taħt xi ħajt; u għalihom biċċa ħobż, siegħa xogħol, jew sitt ħabbiet huma isbaħ mill-ħolqien kollu li ma jafux jaraw u li ma jistgħux jistmaw. U ma għandhomx ħtija !

Hekk sejra d-dinja.

Iżda ħallina minn dan għal issa.

Konna qed ingħidu li kien lejlet il-Milied; u bħal fi ljieli oħra tal-Milied hekk ukoll f'din il-lejla l-leħen ħelu u wenniesi tal-qniepen kien jinstama', jidwi bla heda, fil-ħemda tal-lejl, ma' kollha kemm huma l-irħula u l-ibliet ta' Malta. U, ħaġa tal-għaġeb ! Igħidu xi jgħidu dawk li ma jridux jemmnu ħlief b'dak li jaraw, minkejja fihom, din il-lejla fost kollha kemm huma l-ljieli tas-sena, tnissel ferħ f'qalb kull maħluq...

Barra milli f'qalb xi msejken jew imsejkna li għalihom

il-jiem tal-ħajja huma kollha xorta... kesħin... bla dawl... bla ferħ... bla Lejl tal-Milied !

Qlub suwed; bħalma hu iswed il-lejl imsaħħab, mudlam u qieragħ tax-xitwa...

U waħda minn dawn il-qlub—qalb ta' mara, moħbija f'ġisem marradi u mkeffen fi 'ftit ċraret, maħmuġa u mraqqgħin—kienet qiegħda f'dan il-lejl, bħalma fi ljieli oħra, tittama l-ħniena u l-faraġ dgħajjef li jaf ifarraġ u li jista' jfarraġ lil dawn ix-xorta ta' qlub.

Din l-imsejkna tallaba kienet qiegħda taħt il-ħajt tat-trieq li mill-Belt tagħti għall-Furjana.

Ħdejha kellha żewġt itfal; żewġ subien.

Kienu wliedha.

Kienet ilha hemm—taħt dan il-ħajt—minn qabel ma dalam; u kull ma kienet qalgħet s'issa, li kienu qorbu l-għaxra, kienu tliet soldi sittiet.

Ftit wara li dalam, uliedha kienu daħlu l-Belt bit-tama li jdabbru xi ħaġa huma wkoll.

Il-wieħed qala' sitt ħabbiet. L-ieħor, pastizz u ġerħa fi rkobbtu l-leminija; kien inġeraħ minħabba f'żelqa u fi tkaxkira li kien tkaxkar ma' l-art biex jaħrab kuntistabbli li kull fejn jarah kien jagħmel għalih; u li f'dak il-waqt kien lemħu jħannen ma' bieb ta' ħanut. U kieku t-tifel ma kienx ħafif daqs sallura, kien jaqbdu.

Sa ma t-tifel wasal ħdejn ommu, għadilli zopp bl-uġigħ, ftit kien ħabbel rasu għax irkobbtu kienet mibruxa u mżellġa bid-demm.

Iżda xħin inxeħet bil-qiegħda fl-art, il-ġerħa bdiet tniggżu u taħarqu; u għalhekk erħilu jħokkha u jgerger miegħu u-nifsu : "Li kelli missieri hawn kont inqiegħdu, ja kelb li hu ! ma jistax jarani li ma jagħmilx għalija !..."

Missieru kien siefer xi sitt snin qabel, ftit wara li kien twieled ħuh ta' warajh; u qatt ma deher iżjed, anqas qatt semgħu iżjed bi ħbaru.

U għaldaqstant ommu, mara żagħżugħa iżda, kif għedna, marradija, kienet tatha għat-talb.

U għalkemm sfajra u liebsa ċ-ċraret kienet mara mhix ħelwa ftit.

Iżda, jekk dit-tallaba kienet imsejkna f'kollox f'ħaġa waħda kienet ixxurtjata: u kienet ixxurtjata għaliex minħabba f'suritha li tbikki u fid-dendil li kellha fuqha ma tantx kienet tista' tħajjar malajr lil dawk il-kefrin li jfittxu lin-nisa żgħażagħ u ta' xortihom ħażina biex, taħt il-maskra tal-ħniena, jeqirdu kull ma jkun baqa' fihom li jista' jinqered.

Ftit wara li waslu ħdejha wliedha, din saqsiethom x'kienu għamlu. Il-kbir baqa' jħokk irkobbtu u jgerger, u ż-żgħir b'leħen imqit dar fuqha u weġibha:

"Xi tridna nagħmlu? Kulħadd ikeċċina... ħaqq..." u kien sa jiġbidha u kollox xħin ommu qaltlu:

"Iskot, ibni! La tidgħix! Aħjar titlob bil-qalb lill-Bambin, biex, f'ġieħ kemm bata għalina, ikollu ħniena minna u jibagħtilna qalb tajba li tiftakar fina u li tħenn għalina..."

Ftit wara, it-tfal inxeħtu minn tulhom fuq xkora, tgeddsu wieħed ma' l-ieħor u f'kemm trodd salib raqdu. U f'ngħashom erħilhom joħolmu bil-ħlewwiet li raw il-Belt, wara l-ħġieġ ta' l-armaturi; u kultant jistenbaħ wieħed minnhom, imterter bil-bard, iħokk ftit rasu, iċekċek tnejn snienu, u jarġa' jorqod.

U ommhom minn waqt għal ieħor tħares lejhom u qalbha tingħafas tiftakar kemm tfal hawn reqdin qalb il-kutri, imsaħħna b'kull ma bniedem jeħtieġ fil-waqt li wliedha reqdin fl-eqqel tax-xitwa għall-qiegħa ta' l-art, jistennew sa fi rqadhom il-ħniena biex jitrejqu...

U minn ħdejn dit-tallaba ta' sikwit għaddejjin kull xorta ta' nġenji mdawlin u mimlijin b'nies qalbhom f'lokha; jiddieħku, igħannu, jixxalaw.

Kienu qorbu l-ħdax xħin lemħet tnejn min-nies qed jersqu lejha.

Ma ntebħitx li kienu xurbanin.

Kif waslu ħdejha ħarġet driegħ niexef minn taħt ċulqana ħadra u mċarrta, u b'leħen ta' ħniena qaltilhom: "Tuni xi ħaġa, ħuti, jaħasra; għal ruħ min għandkom mejjet!"

Waqfu jħarsu lejha.

Wieħed faqqa' daħka ta' tmelliħ f'wiċċha, u l-ieħor resaq qribha sewwa.

Dan li resaq lejha kien fih daqs barri; kien jagħmel għaxra bħalha.

Hekk kif ratu riesaq fuqha reġgħet lura mbeżżgħa. Iżda dan, bla xejn kliem u mingħajr ebda mistħija tafa' dirgħajh ma' dwar qaddha biex iħaddanha.

Ir-riħa ta' xorb li kellu f'ħalqu ħassitha sa tqallagħha—kienet ilha s-sigħat għar-riq—u bil-għafsa li għafasha, kif ħatafha bejn dirgħajh, ħasset, għal waqt wieħed, bħal raqd-ir-ruħ. Iżda, qalbenija sa l-aħħar, ġabret il-ftit saħħa li kellha, u b'herra l-aktar kbira bdiet titħabat miegħu sa gidmitu, biex jerħiha; fil-waqt li nfexxet tgħajru b'kemm kliem ta' tmaqdir sabet fi lsienha.

F'dan il-waqt sieħbu, li kien qed iħares u jidħak b'din id-dehra li taqsam il-qlub, ġibdu ġibda sewwa mill-ġlekk u sefsiflu xi ħaġa f'widnejh. Fid-dawl tal-fanal, il bogħod minnhom, kien lemaħ bniedem riesaq lejhom.

U għaldaqstant, jidħku u jitkellmu fatixi, it-tnejn mill-ġdid qabdu triqthom u telqu, bħallikieku ma ġara xejn. U lilha ħallewha f'dagħdigħa li ma bħalha, b'uliedha nofs-hom imqajmin iħarsu lejha bħal żewġ boloh.

Sa dan il-waqt wasal ħdejhom dak li kien gerrex lil daż-żewġ isqra ta' bil-lejl.

Kien kuntistabbli.

Fit-telfa li kienet anqas intebħet bih; u bħal waħda mib-lugħa kienet għadha qed titkellem weħedha u tgħajjar liż-żewġt irġiel li kienu għamlu għaliha u li issa kienu għebu għal kollox fid-dlam.

Il-kuntistabbli waqaf ħdejha, u xħin l-imsejkna ntebħet bih, issummat. Liż-żewġt irġiel li kienu nibxuha, ma kienx lemaħhom minħabba f'minkeb tat-trieq li dikment kienu lwew warajh. Għaldaqstant sejħilha miegħu sa wassalha taħt fanal, ħareġ daqsxejn ta' ktieb minn butu u ħarrikha talli kienet qiegħda tagħmel dak id-distorbju kollu.

"Le, jaħasra!" qaltlu. "Huma nibxuni. Wieħed minnhom sa ħaddanni miegħu!" u daqs kemm kienet imbaqbqa anqas setgħet issib kliem biex tiftiehem sewwa.

"Qabad fik u ħaddnek ta' bilħaqq! Ma kienx xi fatat hux? Għarukaża! Imissek tistħi; irvellajt trieq bil-għajjat

tiegħek!" U wara li taha daqqa ta' għajn imqita, baqa' sejjer għal xogħlu.

Qalbha dejqa aktar minn qabel, riġlejha jirtogħdu u għajnejha mfawrin bid-dmugħ, refgħet minn l-art l-ixkora li fuqha kienu reqdin uliedha u magħhom telqet għal għonq it-trieq, fid-dalma tal-lejl, tistaqsi lilha nfisha x'kienet għamlet biex id-dinja kollha ddur għaliha.

Waslet ħdejn knisja. Riġlejha, bla ebda għata, u minfuħin u koħol qishom żewġ brinġiliet, ma felħux iriġuha iżjed; u għaldaqstant, b'uliedha jkaxkru warajha, daħlet f'dil-knisja u nxteħtet gods qrib bieb tal-ġenb, qisha xkora fiergħa.

Il-knisja ħuġġieġa dawl u maħnuqa bin-nies.

Daqsxejn ta' tfajjel kien qed iħabbar lill-kotra li temmen il-miġja ta' Dak li twieled bin il-foqra u ħabbhom daqshekk li għal imħabbithom ħalla ħajtu fuq salib.

L-imsejkna tallaba bdiet bil-qajl il-qajl tistejqen u tifhem dak li kienet qiegħda tisma'. U bħalma d-dawl ta' fanal li jilmħu fid-dalma tal-lejl il-baħrin ta' mirkeb qed jegħreq inibbet għal waqt wieħed f'qalbhom tama dgħajfa ta' ħelsien mill-għarqa, hekk il-kliem ħelu u bla qerq ta' dan it-tfajjel dwar Dak li xerred iż-żerriegħa tas-Sliem u l-Imħabba fost il-bnedmin, ħassitu jixgħel fiha tama ġdida. Insiet li kienet ilha ma titrejjaq is-sigħat; qalbha minn dik il-bruda li kienet fiha, bdiet titħarrek u f'waqt li tefgħet ma' ħalqha t-tarf ta' l-ixkora li kellha f'idha, infexxet tolfoq u tibki kemm tiflaħ.

Id-dmugħ li xerrdet kien għaliha serħan u sabar.

Id-dmugħ hu s-sabar ta' kull min hu msejken.

U Dak li jaqra fil-qlub mingħajr ma jitqarraq ħares lejn qalb dit-tallaba, ra x'kien jistħoqqilha u taha dak li għal waqt wieħed kienet tixtieq—is-Sabar.

Xħin ħareġ kull min kien hemm il-knisja resaq fuq it-tallaba bniedem li bħalha kien qiegħed qrib il-bieb ta' barra, ħareġ minn butu biċċa tal-fidda, tahielha u telaq il barra mingħajr biss ma ħares lejha...

L-imsejkna l-ewwel baqgħet b'ħalqha miftuħ, ma tridx temmen lil għajnejha u mbagħad raddet ħajr lill-Mulej għax intebħet li bħall-bqija ta' ħutha l-bnedmin dak il-lejl kien għaliha wkoll il-Lejl tal-Milied.

Ġużè Ellul

# Fid-dlam tal-lejl

Lejla, lejla mudlama,
ismagħha t-tneħida ta' ruħi:
tlift kull ħajr, tlift kull tama;
ma nafx x'tiswieli l-ħajja;
bħal dell iswed urajja,
id-dell tax-xejn tiegħi
ma' tul it-triq imwiegħra jiġri miegħi.

Lejla, lejla mudlama,
mimlija bid-dmugħ ta' l-aħħar xita,
int taf il-ħerba kbira
ta' xi dwejra fqira;
int taf kif b'id setgħana
għaddiet il-mewt qerrieda,
mistura fil-mantar sewdieni,
u kitbet fuq il-ġbin ta' żagħżugħ hieni:
"Ħajtek sa hawn, mîl rasek għal dir-rieda."
Imma ma tafx il-ħerba ta' ġo ruħi,
dir-ruħ li bosta ilha
ma' tul il-mixja twila
titħabat bla mistrieħ fl-imrar ta' dmugħi.

Lejla, lejla mudlama,
'il fuq mis-sħabiet ġerrejja,
hemm biċċa qamar miexi miexi
ifittex imm'għalxejn it-triq tas-serħ,
ifittex u ma jsibx it-triq tal-ferħ;
hekk jien,
imkien
ma nista' nsib tidħakli d-dar tal-hena.

Lejla, lejla mudlama,
fis-saltna tad-dlam tiegħek
hemm seħer li jħajjarni
nitħaddan miegħek.
Għandu dak is-seħer mis-sliem tal-qabar.
Mexxini int, sa kemm bogħod mill-ħlejjaq,
'il hinn mill-jasar tad-dwejjaq,
fix-xejn tiegħek jintilef ix-xejn tiegħi,

u jaqa' s-skiet.

ĠUŻÈ CHETCUTI

# Tagħrifa żgħira

Fi *Il-Malti* ta' Settembru 1938, faċċ. 67, Dun Karm wissa l-kittieba biex jimxu fi triq waħda fil-kitba ta' verbi bħal *ġema'*, *sema'* li xi wħud jiktbuhom bil-vokali *e* u oħrajn bil-xokali *a*. U ta wkoll xi reguli meta għandna niktbu *e*, u meta għandna niktbu *a*. Billi jidhirli li dawk ir-reguli mhumiex mibnijin fis-sħiħ biżżejjed, irrid inżid hawn tagħrifa żgħira.

L-ewwel nett fuq il-vokali tal-verb jien ktibt xi ħaġa f'dan il-qari għaxar snin ilu (Ġunju 1928, faċċ. 36-39), u bi ħsiebni nikteb aktar fit-tul band'oħra. Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li meta l-aħħar konsonanti hi *għ* il-vokali tal-verb huma *e-a*, hekk: *bela'*, *beża'*, *ġema'*, *neża'*, *żera'*, *sema'*, *tefa'*. L-ewwel vokali hi *a* meta l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, hekk: *qata'*, *qala'*, *waqa'*, *laqa'*, *faqa'*. Jekk l-aħħar konsonanti hija waħda mid-dgħajfin *j* jew *w*, il-vokali huma wkoll *e-a*, hekk *bena*, *beka*, *beda*, *ġera*, *mexa*, *kera*, *lewa*, *fela*, *feda*, *nesa*. Jekk l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, il-vokali huma *a-a*, hekk: *qara*, *ragħa*, *dagħa*, *ħata*.

Iżda hemm qatgħa verbi li għandhom il-vokali *e-a*, għalkemm imisshom jitħarrku *a-a*, hekk: *ħeba*, *ħema*, *ħela*, *ħefa*, *qela*, *qeda*, *reħa*, *għewa*. Dawn il-verbi huma mdakkrin mill-verbi bħal *gera*, li huma aktar fil-għadd, u saru bħalhom. Imma l-vokali *a* baqgħet sħiħa fl-infinit, hekk: *ħami*, *qali*, *ħabi*.

Dawn ir-reguli huma mibnijin fuq il-fonetka tal-Malti mqabbla mal-fonetka tal-ilsna semin. Iżda nistqarru li aħna u nitħaddtu l-vokali *e* u *a* f'ħafna verbi jinbidlu, u għalhekk min igħid *sema'* u min igħid *sama'*.

P. P. Saydon

# Liż-Żagħżugħ Poeta

*(bl twissija ta' mħabba)*

Tikteb bil-ħaqq wis-sewwa. Jiena bħalek
għadni ma rajtx! U xjieħt, mgħobbi bis-snin!
Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art! U lilek
ma tista' tifhem qatt, kollha l-bnedmin!

*Dak*, l'inti tistqarr dinu, għallem dejjem:—
*Sabar*!... kulħadd, kuljum u kullimkien!
Int tgħid;—li tħoss u tifhem, li bis-sabar
tasal ma stajtx! U qatt ma wsalt imkien!

"Fost il-bnedmin, lil ħadd m'għandek ħabibek!"
Stqarrejtu int! U tkisser fl-istess ħin:—
"Ħabibek kollox!" Tbarri biss lill-bniedem
U dinek jgħid:—*L-Aħwa Nħobbu 'l Xulxin!*

Jew inti turi ħaġa b'oħra, nkella
li tikteb, ma jaqbilx sewwa mal-ħsieb.
Jien rajtek fuq l-imwejjed, bħall-ħaddara,
*Tixxiegħel Tiekol u Tixrob mal-Ħbieb!*

Ma nista' nifhmek b'xejn! U jiena bħalek
għadni ma rajt imkien, u xjieħt bis-snin!
Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art...u lilek
ma tixbah xejn il-bqija tal-bnedmin!

R. M. B.

4-10-1938.

N.B. Fl-aħħar ħarġa tal-Malti fil-Poeżija *Il-Ħakem Baldassar* ta' R.M B. id-disa' vers mill-aħħar irid jinqara hekk:

"magħdub jidrishom minnu fost il-ħajjin!"

# Seħer f'Ħaġar Qim

(ĦLIQA)

Oh ! quanti sceleris
non fuit causa religio ! (1)
(*Euripides*: "*Iphigencia*").

Kienet lejla sabiħa ta' Diċembru. Ir-reżħa, imma s-sema safi.Il-qamar mimli ma kienx ilu li tela', kbir u ħamrani, minnofs il-baħar.

"X'lejla sabiħa !" għidt f'qalbi. U qtajt li mmur sa Ħaġar Qim fid-dawl tal-qamar, u nġarrab il-bebbuxa saħrija li kien tani, ilu ħafna, wieħed saħħar.

Irkibt il-karozza u wasalt il-Qrendi, u minn hemm irħejtilha għal Ħaġar Qim.

Wasalt, wara mixja ġmielha, u dħalt ma' ġenbu. Il-ħaġar. kbir u għoli, abjad-kaħlani, bid-dellijiet suwed fir-rkejjen, f'dak is-skiet u d-dawl ta' qamar, saħħarni. Qgħadt wieqaf inħares biċċa sewwa, sa kemm ftakart fis-seħer, li biex nagħmlu kont mort hemmhekk.

Ħriġt il-bebbuxa mill-but u qegħidtha fuq ħaġra, birras ta' denbha għal wiċċ il-qamar sew. Għidt il-kelma, u f'daqqa nara quddiemi Ġinn żgħir.

"Amar !" qalli. "Jiena Ġinn il-bebbuxa, u ġejt naqdik f'kull ma teħtieġ."

"Irrid nara kif kien isir Għid Ħaġar Qim fl-aħjar ta' żmienu," weġibt jiena. "U inti oqgħod miegħi biex tweġibni għal li nistaqsik."

"Ħares lejn il-qamar u għodd sebgħa," il-Ġinn wissieni "U mbagħad ħares lejn Ħaġar Qim."

Hekk għamilt. Ħarist lejn il-Qamar u għoddejt sebgħa; imbagħad dawwart wiċċi u ħarist lejn Ħaġar Qim.

Hemm kien, quddiemi, abjad-abjad fid-dawl ta' qamar, imma wisq xort'oħra milli huwa l-lum. Kien imsaqqaf; mhux b'isqfa watja, imma magħmula koppliet bajdija (2). Fuq kull koppla, ħaġra mrebbgħa (3), riekba fuq erba' rikkibiet. Taħt dil-ħaġra sew, bħal tieqa fis-saqaf biex tagħti d-dawl u l-ħewwa (4) lil ġewwien. Fuq waħda minn dawn il-ħaġriet, għamra ħatab, donnu mħejji għal xi ħuġġieġa. Issaqaf, mit-tieqa lisfel miksi bit-torba, u mit-torba niebet ilħaxix. Bieb Ħaġar Qim kien mistur bi star aħmar li ma nafx jekk kienx tax-xoqqa jew tal-ġild.

Kif kont seħwien, inħares u l-Ġinn wieqaf ma' ġenbi, mil-lemin smajt min jitkellem. Indawwar wiċċi u nara ġejjin tnejn min-nies. Kienu twal, ħoxnin, imġissma, imma ma stajtx nagħraf jien kenux nisa jew irġiel. Minn qaddhom il fuq għeri; dirgħajhom ħoxnin u sidirhom wasa'. Minn qaddhom lisfel libsin libsa ħamra, dagħmija. Xagħarhom twil sa ħofret għonqhom u bla leħja jew xwiereb xejn. Surithom suret irġiel, imma wiċċhom imfaqqa', iġrad, u leħinhom irqiq, donnhom xi nisa.

"Dawn min huma, Ġinn ?" saqsejtu. "U x'inhuma nisa jew irġiel ?"

"Dawn qassisin tal-maqdes," weġibni. "La huma rġiel u anqas nisa. Dawn igħidulhom ħasjien, qaddejja ta' Sid is-Sema.

Waslu u waqfu quddiem il-maqdes, u qagħdu jitħaddtu minn taħt ilsien, iduru ma' midbaħ tal-ħaġar li kien wieqaf hemmə, għoli m'ogħla qadd ta' raġel u mnaqqax fl-uċuħ tiegħu bil-weraq tal-palm.

"Neser !" għajjat xi ħadd minn fuq il-maqdes. "Neser ġejjin ! Jistama' għajjathom !"

"Agħti n-nar !" wieġeb wieħed mit-tnejn il-ħoxnin, ta' l-ewwel. "Agħti n-nar ħalli jarawh !"

Raġel oħxon inqala' minn wara l-għarma, fuq bejt il-maqdes, f'idu l-leminija bieqja bin-nar, li daħħalha b'kollox taħt il-għarma tal-ħatab niexef. Il-ħatab beda jaqbad u jfaqqa', in-nar jiżdied, u mliewi ta' duħħan jogħlew u jinbarmu fl-ajru imtektka b'geġwiġija ta' xrar.

Fil-bgħid beda jistama' bħal għana ta' nies għalenija għana maħtuf imgħanni minn kotra b'leħen wieħed: jogħla, jinżel, jitqawwa, jiddagħaf flimkien. Il-għagħa qorbot. Sarbut nies jaqbżu dehru deħlin fil-misraħ ta' quddiem il-maqdes, li nġemgħu ġemgħa waħda u waqfu hemm.

Kienet ġliba ta' xi mitejn raġel. Uħud imżemmna, bil-leħja, oħrajn żgħar u żgħażagħ, uċuhom ġardin. Kfuf (5) idejhom miżbugħin ħomor, bi ħnienaq tal-bebbux, tas-snien jew tal-weraq f'għonqhom; bl-oħtra f'idejhom, ixejruhom u jgħannu l-għana tagħhom b'għajjat tal-ġenn. F'nofshom kien immexxi għoġol miżmum minn irġiel felħana, imżejjen b'damma weraq fi qrunu, u f'għonqu ħannieqa tal-weraq ukoll. Fuq dahar il-għoġol riekeb raġel xiħ, imkebbeb fi star tal-ġild tal-mogħża, wiċċu bil-kemm jidher, b'leħja twila, sfiqa, u bajda silġ.

Imbagħad daħlet ġilwa oħra, bħal ta' qabilha. Imbagħad oħra, u oħra: b'kollox erba' ġilwiet. Kull ġilwa, meta tidħol quddiem il-maqdes, tinġama' għaliha madwar il-għoġol tagħha u tibqa' wieqfa hemmekk.

"U dawn x'ikunu, Ġinn ?" irġajt saqsejtu.

"Dawn huma l-erba' tajfiet tal-gżira," weġibni. "It-tajfa tax-Xerq (6), it-tajfa tal-Għarb, it-tajfa tal-Qibla (7) u t-tajfa tax-Xmiel (8). Kull tajfa għandha x-xiħ, jew ir-ras tagħha, li hu sidha fil-ħajja u fil-mewt. Kull fard (9) tat-tajfa jisma' minn xiħu, għax il-mewt hemm għalih min imerih. Intix tara dik il-ħaġra twila, wieqfa ? Dik igħidulha salib. Kull tajfa għandha ħaġra bħalha, u min jasal jikser kelmet ix-xiħ tiegħu, ikun marbut magħha fil-għoli, u jitħalla hemm sa tasal mewtu, bil-kesħa, bil-għatx u bil-ġuħ. Imma ħares issa lejn dawn li ġejjin."

Wara kulħadd, bejn żewġ saffi qassisin smien, bla leħja, kienu mexjin daqs tletin sabi, għoddhom ta' xi tnax-il sena jew hekk. Kienu għarwenin għal kollox, bi kliel tal-weraq f'rashom, ħnienaq tal-bebbux u tas-snien f'għonqhom u friegħi tal-palm f'idejhom. Uħud twajlin u rqajqa, oħrajn ħxajnin u qsajra, oħrajn hekk hekk imma kollha ta' saħħa u qawwijin. Xagħarhom twil, jiddi fid-dawl ta' qamar u tal-ħuġġieġa u għajnejhom kbar u mberrqa, iħarsu mistagħġba 'l hawn u 'l hemm. Mixjiethom ħafifa: leħenhom irqiq u ħelu, igħannu għanja rżina u bekkejja, donnha għanja tal-mejtin.

"Dawn x'inhuma ?" irġajt saqsejt lil Ġinn.

"Dawna subjien ir-resma. Jersmu jew ikunu magħduda ta' rġiel mil-lum il quddiem. Kollha ta' għomor wieħed, għax kollha din il-ħabta jagħalqu tnax. Sal-lum kienu mrobbija flimkien; mil-lum il quddiem jitqassmu bejn l-erba' tajfiet tal-gżira."

"Issa," irġajt jien wara li qgħadt ftit naħseb "għidli il-għaliex kollha ta' għomor wieħed: għaliex kollha subjien; u għaliex kollha ta' saħħa u qawwijin."

"Kollha ta' għomor wieħed," wieġeb il-Ġinn tal-bebbuxa "għax f'din l-art, in-nisel isir f'xahar wieħed: xahar ir-rebbiegħa li jgħidulu Nisân. Għalhekk it-trabi jitwieldu kollha f'xahar wieħed, u sewwa sewwa bħal daż-żmien. In-nisa kollha tal-gżira u t-trabi jinżammu f'ħarem wieħed, taħt ħarsien il-qassisin. Dawn kollha subjien, għax is-subjien biss jirtismu : jiġifieri is-subjien biss, fi żmienhom igħaddu 'l barra bħala rġiel; il-bniet jibqgħu ġewwa l-ħarem, bħala

nisa. Kollha ta' saħħa u qawwijin, għax id-dgħaf u marrada fost iż-żgħar, jinqatlu, u laħamhom jingħata ikel lil sħabhom ħajjin. Dis-sena huma tlieta u tletin wieħed. Lix-xiħ ta' kull tajfa jingħataw tmienja, biex jitħarrġu u wieħed fosthom sa jkun midbuħ."

"Kif ? Sa jidbħu wieħed minn dawna ?" saqsejt mibluh jiena."

"Iwa," weġibni, "Jaqtgħulu griżmejh fuq dak il-midbaħ, u jimlew bieqja minn demmu u jidħnu biha qrun l-ogħġiela imbagħad jidbħu lilhom ukoll."

"X'waħda din, Ġinn ! Ma rridx nara ! Neħħili s-seħer, ħalli nitlaq minn hawn," raħħamtlu jien.

"Ma nistax !" weġibni l-Ġinn, waqt li ħares lejn il-qamar. "Ma nistax għal issa. Sa ma l-qamar jasal fejn għandu jasal ikollok tibqa' hawnekk."

Għalhekk, bil-qalb it-tajba, kelli nibqa'.

* * *

Il-misraħ ta' quddiem il-maqdes issa kien dewwieda waħda bin-nies. In-nar iħeġġeġ fuq bejt il-maqdes u l-erba' tajfiet miġmugħa kull waħda għaliha kulħadd wieqaf iħares, waqt li subjien ir-resma daru mal-midbaħ bil-friegħi tal-palm f'idejhom, igħannu l-għanja kiebja tagħhom.

Kif is-subjien waqfu mill-għana, stama' ħoss ta' qarn itaw-wat. L-istar ta' bieb il-maqdes niżel minn fuq sa nofsu, u l-ġemgħat kollha xteħtu b'wiċċhom fl-art biex jagħtu qima.

Wara l-istar, fejn kien inkixef kienet tidher sura mdaq-qsa ta' nies, bil-qiegħda, Is-sura kienet miżbugħa ħamra, u minn ħin għal ieħor iddawwar rasha, tħares fuq il-ġemgħat, min-naħa għall-oħra donnha ħajja.

"Ġinn, din mhix tal-ħaġar ? Mela kif qiegħda ddawwar rasha ?" saqsejt jien.

"Ejja ara," qalli l-Ġinn; u beda miexi quddiem, u jien warajh, sa ma sab bieb żgħir fil-ġenb tal-maqdes u dħalna minnu 'l ġewwa.

Moħbi wara s-sura l-ħamra kien hemm qassis minn dawk is-smien, bil-qiegħda. B'għajnu l-waħda jħares minn toqba fl-istar ta' bieb il-maqdes, u bejn is-swaba' ta' kull id iżomm qafla, li kienet ħierġa min-nofs il-fuqani ta' dahar is-sura. Jiġbed il-qafla tal-lemin u ras is-sura ddur lejn il-lemin, jiġbed tax-xellug, u ras is-sura ddur lejn ix-xellug. "Qie-

għed tara għaliex iddawwar wiċċha s-sura?" Il-Ġinn nebbaħni. "Għax hawn dan qiegħed jiġbidha. Imma, imxi noħorġu ħalli tara x'qiegħed isir barra."

Subjien ir-resma, meta ħriġna, kienu weqfin, wieħed wara l-ieħor, fil-lemin ta' bieb il-maqdes. Ma' ġenb il-bieb sewwa, fuq rikkieba kien heinm keffa (10) tal-ħaġar u fuq il-keffa, bieqja tal-fuħħar. Ma' ġenb il-bieqja sikkina daqsiex, taż-żnied, immellsa, taqta' miż-żewġ naħât. Mal-ġenb il-wieħed u l-ieħor tar-rikkieba, żewġt irġiel weqfin, donnhom iġirfa: imġissma, mibruma, muswafa; mistura f'qaddhom kemm kemm. Wara r-rikkieba sewwa, qassis smin, bħal dawk ta' l-ewwel, imżejjen bil-ħnienaq u f'rasu klil tal-weraq dlil (11); f'kull id bieqja tal-fuħħar aħmar, tlellex, sabiħa kemm tista' tkun. Hu kien igħanni b'leħen wati, u r-rġiel ta' ma' ġenbu, kull meta jieqaf, iwiġbuh.

"Fissirli ftit dawn x'inhuma Ġinn," tlabt jien.

"Dawk iż-żewġt irġiel," il-Ġinn fissirli, "issa jżommu s-sabi u jmiddulu għonqu fuq il-midbaħ, sa ma l-qassis jaqtagħlu griżmejh. Dak hu l-qassis li jaqtagħlu griżmejh, b'dik is-sikkina taż-żnied li tara hawnekk; u dik il-bieqja jimlieha bl-ewwel demm li joħroġ minnu, biex jisfa' bih il-qrun ta' l-ifrât. Dawk il-bwieqi ta' f'idejh fihom il-waħda ħalib u l-oħra għasel, li jisqu minnhom lis-sabi qabel iddbiħ. Isa! Ara kif il-qassis waqaf mill-għana. Is-subjien sa jgħaddu minn quddiem is-sura; miskin hu min is-sura tħares lejh, għax mewt imut!"

Is-sura ta' bieb il-maqdes kienet tħares lejn il-lemin bla ma titħarrek. Is-subjien bdew miexja, wieħed ftit il bogħod mill-ieħor wara xulxin. Kull wieħed jieqaf għal ftit quddiem is-sura, joqgħod għarkobbtejh, imiss ġbinu mal-qiegħa, iqum, jieqaf ftit ieħor, u jibqa' għaddej. Uħud kienu jidhru beżgħana, sofor u mriegħda, u oħrajn igħaddu u jsellmu bla hemma ta' xejn.

Għadda wieħed, għaddew tnejn, erbgħa, għaxra, u s-sura ma ħarsitx lejhom, Wasal il-ħdax-il wieħed: sabi qsajjar, imbaċċaċ, wiċċu mdawwar u xagħru xaqrân. Waqaf quddiem is-sura qagħad għarkobbtejh u mess ġbinu mal-qiegħa. Kif kien b'rasu mwattija, stemgħet fil-ġemgħa bħal karba għalanija. Imsejken sabi! Is-sura kienet ħarset lejh!

Kif is-sabi qam mill-art u ra s-sura b'wiċċha fuqu, għall-ewwel baqa' mbikkem. Imbagħad werżaq twerżiqa ta' ħniena, u telaq jiġri għal saħħa minn fost in-nies. In-nies tiġri warajh, imma billi kien magħdud b'imqaddes, ħadd għajr iż-żewġ

qaddejja tal-qassisin ma sata' jmissu. In-nies tilqgħu u hu jiżloq minn bejnhom: jilqgħuh mill-ġdid u jgħaddilhom minnaħa oħra. Jiġri minn hinn, jiġri minn hawn, u jwerżaq ilħin kollu, u n-nies tiġri warajh u tgħajjat miegħu. Fl-aħħar infixel u raġa' lura lejn il-maqdes, fejn ħatfuh il-qaddejja talqassis u ħaduh magħhom.

Kienet dehra ta' ħasra liema bħalha. Naqra ta' sabi, dlil u żgħajjar, maħfun minn dirgħajh, minn żewġt ibgħal, kbar u muswafa. Hu jibki, jiġġebbed lura, irid, bla ma jista', jinqala' mill-qabda qawwija ta' dawk iż-żewġ idejn ħadidija. Xagħru mħabbel, xofftejh imqabbża, għajnejh ħomor bil-biki, itir minnhom qtar oħxon ta' dmugħ ma' kull tixjira li jxejjer rasu.

Waslu bih ma' ġenb il-midbaħ. Iridu jżiegħlu bih, u jisquh mill-bwieqi, imma hu ma jridx jisma'. "Sidti! Sidti!" kien igħajjat. "Sidti, ejja għalija ! Ejja eħlisni, ma rridx immut ! Iridu joqtluni, bħal ma qatlu lil Xamox is-sena, l-oħra. Ma rridx immut ! Ħalluni mmur għand sidti, noqgħod magħha !"

Il-qassis kien tħejja u kollox quddiem il-midbaħ u ħafen f'idu l-leminija s-sikkina. Imma s-sabi, qabel meddewlu rasu fuq il-midbaħ, sfar, siket u ntelaq. Qamet għagħa fost il-ġemgħa: "Miet !" bdew igħidu dak lil dak. Telquh flart, iċaqalquh u jgħajtulu, imma kollu mitluf. Mixħut fuq ġenbu f'nofs il-ġemgħa, b'wiċċu mxarrab bid-dmugħ u għajnejh nofs magħluqa. In-nies bdiet tibża' Min jagħti fuq wiċċu, min iġebbed xagħru, reġgħet saret ħambqa kbira.

Fil-fixla, insejt il-Ġinn li kien hemm miegħi, u ma kontx niftakar fih li kieku ma resaqx lejja u "Miet !" għajjat f'widinti. "Miet ?" saqsejtu. "Aħjar miet waħdu jew debħuh dawn il-milgħuna. Kemm huma kiefra ! U għaliex qegħdin jagħtu fuq wiċċhom u jqattgħu xagħarhom ?"

"Għax mitilhom. Jibżgħu li Alla jgħaddibhom (12) bilīi ma laqax id-debħa tagħhom. Il-qassis irid jidbaħ sabi ieħor mit-tnejn u tletin l-oħra. Arah x'iħaqqaqha ma' xjuħ it-tajfa."

"Sa jidbħu ieħor ?" saqsejt imkexkex.

"Oqgħod u tara," weġibni l-Ġinn, iħares lejja.

"Ma rridx noqgħod aktar !" għedtlu "Ara l-qamar kemm niżel l'isfel. Neħħili s-seħer ħalli mmur !"

"Tista'," il-Ġinn weġibni. "Ħares lejn il-qamar u għodd sebgħa !"

Ħarist lejn il-qamar u għoddejt sebgħa. Ma' l-aħħar għadd il-ħsejjes tal-għajjat siktu u f'daqqa waqgħet ħemda kbira. Dort u ħarist lejn Ħaġar Qim: hemm kien kollu dellijiet suwed, mittiekel, imġarraf, ħerba kif inhu issa.

Qbadt ħaġra u ridt infarrak il-bebbuxa, li ma jħittillix xi darba narġa' nagħmel seħer biha. Kif kont nieżel biddaqqa, il-bebbuxa għabet. Il-Ġinn kien ħatafhieli.

L. Cutajar.

1. Oh ! ta' kemm ħsara d-din ma kienx il-ħtija !
2. Ovali.
3. Kwadrata.
4. nifs, arja.
5. Il-paliet.
6. Ilvant.
7. Nofsinhar, is-sud.
8. Tramuntana.
9. Membru, individwu.
10. Platt, gabarrè.
11. Tari, frisk, delikat.
12. Jikkastigahom.

# L-ewwel Imħabba

F'għajnejha kellha l-ġmiel ta' ħajja rżina
Ta' xbejba li trabbiet fl-għożża ta' darha,
Qatt dell ma xiref ta' xenqiet ħażina,
Anqas l-imrar ma tnikker qatt ma' dwarha.

Ħsiebha kien safi daqs kemm safja d-dija
Li tleqq u tilma ġewwa qatra nida.
Iltaqgħet darba ma' żagħżugħ. Qawwija
Ħasset is-sejħa minn tad-demm tiġbidha.

Fid-dell tas-siġar qalu kliem ta' mħabba;
Hi wieżnet rasha fuq spallejh, tithejjem,
Ħaddnitu magħha mingħajr ħsieb li jtabba',
U qaltlu: Tħobbni ?—Huwa wieġeb: Dejjem !

Kien waqt sabiħ: ħasset ruħha ferrieħa,
U, hienja, bkiet fis-skiet ta' qalb rebbieħa.

Ġużè Chetcuti

# Lill-Kanarin

*li wasalli mingħand ħabib għażiż,*
*fit-3 ta' Diċembru, 1937.*

Għasfur lelluxi, merħba bik. Fis-sikta
tad-dar fejn waħdi qiegħed ngħaddi żmieni,
int tkun il-wens għal din il-qalb imnikkta
fil-hemm illi, jaħasra ! wasal kmieni.

Fil-għanja tiegħek safja, mżewqa, sħiħa,
li tidwi mal-ħitan tal-kamra tiegħi,
nistħajjel nisma' n-nifs ta' ruħ sabiħa
li ttir madwari u titkellem miegħi.

Għax int ma tafx, ħlejqa ferrieħa, liema
tjieba wasslitek f'din id-dar kennija,
anqas taf ix-xewqat ta' ġid u sliema
li ġibtli miegħek. Jiena naf: għalija

int messaġġier ta' Ħsieb li jifhem sewwa,
ta' Qalb imwieżna fit-taħbita tagħha,
li qatt ma tibki barra u tidħak ġewwa,
u lil għajrha tixtieq l-hena tas-Saħħa.

DUN KARM

6. XII. 39

# 'L hawn u 'l hemm fid-Dizzjunarju tal-Malti

(*jorbot mal-għadd ta' Marzu 1938, faċċ. 8-10*)

KEJJEN u KEWWEN, żewġ verbi jixxiebhu fil-għajn imma mhux fit-tifsir. L-ewwel wieħed ġej mill-verb *kien*, *ikin* li jfisser *to humble oneself*. Minnu joħroġ in-nom *kejn=humility*, *submission*, u l-verb imnissel *kejjen=to humiliate*, miġjubin it-tnejn minn Caruana biss. Dessoulavy (*Maltese-Arabic Word-list*) jagħti biss in-nom *kejn*. Iżda l-aġġettiv *kieni* li jagħti wkoll Caruana mhux mibni fuq il-Grammatka. Għaliex l-aġġettivi li għandhom *i* fl-aħħar huma mnisslin minn nomi jew aġġettivi oħra, bħal *xemxi* minn *xemx*, *qalbieni* minn *qalbien*, *ħamri* minn *aħmar*. Jistgħu wkoll jitnisslu minn verbi, meta l-aħħar konsonanti hija dgħajfa, bħal *ġieri*, *miexi*, *ħâti* minn *ġera*, *mexa*, *ħata*. Imma l-verbi moħfijin bħal *kien*, *ikin* inisslu l-aġġettiv jew partiċipju billi jtennu l-konsonanti tan-nofs, hekk: *mejjet* minn *miet*, *sejjer* minn *sar*, *dejjem* minn *dam*, *żejjed* minn *żied*. Mela l-aġġettiv li joħroġ mill-verb *kien* hu *kejjen*; *kieni* ma jistâx jitnissel ħlief minn *kena*. Jekk imbagħad minn *kejjen* irridu noħorġu aġġettiv ieħor biż-żjieda ta' *i*, nagħmlu *kejni*.

Il-verb *kewwen* ġej mill-verb *kien*, *ikun*, u jfisser *to give existence to*. Jagħtih Vassalli biss. Mill-verb *kien* ġej ukoll in-nom *kewn=being*, *existence*, *essence*. Dessoulavy jikteb *kjien* li hi tajba wkoll. Vassalli jagħti dawn l-eżempi: "*Minn kewnu*", jiġifieri, *minn qaddisu*, *minnatura tiegħu*. "*Ejja! toqgħodx tkewwinli dak li ma hux*" jiġifieri, *la toqgħodx toħloq kawtieli, la toqgħodx tpaspar.*

SIKKTI, ngħidu *f'sikkti*, *f'sikktek*, *f'sikktu*, *f'sikkitha*, *f'sikkitna*, *f'sikkitkom*, *f'sikkithom*. Issa nistaqsu: kif għandha tinkiteb din il-kelma, b'*k* waħda, jew bi tnejn u xi tfisser? Vassalli u Falzon u Dessoulavy jagħtu l-kelma *sikt* li tfisser *silence*, mill-verb *siket*. Iżda ħadd minnhom ma jagħti l-kelma bis-suffissi. Ħaġa tal-għaġeb,

għax il-kelma *sikt*, mingħajr suffissi qatt ma ngħiduha! Naħseb li dil-kelma sensluha ma' *sikt*, għax meta wieħed iħossu tajjeb (*ikun f'sikktu*), ikun sieket, ħiemed, ma jkollu xejn fuqiex igerger. Ta' dil-fehma wkoll hu Sutcliffe; ara faċċ. 273 tal-Grammatka fejn jagħti l-eżempju: *Kollox f'siktu = everything is going quietly*. Caruana ma jagħtix il-kelma, u la weħidha u l-anqas bis-suffissi.

Iżda jekk il-kelma mingħajr suffissi hi *sikt*, ma nifhmux kif il-*k* issir *kk* meta jiżdiedu magħha s-suffissi *ha*, *na*, *kom*, *hom*. Jekk teħtieġ vokali tal-leħen, tiżdied din biss mingħajr l-ebda tibdil ta' konsonanti, u għalhekk kien imissna niktbu *sikitha* bħal *riġilha* u mhux *sikkitha*.

Il-kelma *sikkti*, jekk inħarsu lejha fid-dawl tal-Grammatka, tidher ġejja minn *sikka*, bit-*te* marbuta li terġa' tidher meta jiżdiedu s-suffissi. Hekk ukoll *xoffa* li tagħmel *xoffti*, *xoffitha*. Imma xi tfisser *sikka*? *Sikka* hija dik il-ħadida tal-moħriet li tidħol fil-ħamrija u tifraqha (*plough share*). Għalhekk ħaseb xi ħadd li f'*sikkti* tfisser f'*saħħti* bħalma hi f'*saħħitha* s-*sikka* tal-moħriet. Raġuni daqsxejn imġebbda! Aktar naħseb li *sikka* hawnhekk hi l-kelma Għarbija *sikka* li tfisser *triq ewlenija* u mhux mogħdija jew sqaq. Mela *jien f'sikkti* tfisser jien miexi fit-triq it-tajba, miexi kif għandi nimxi; fi kliem ieħor: *jien inħossni kif għandu jħossni*. Toħroġ barra mit-triq malli jħossok ħażin. Hekk fl-Ingliż igħidu : *to be in a bad way* = ma tkunx f'sikktek, ma tkunx tiflaħ.

Jekk inhu dan nisel il-kelma, għandna niktbu *sikkti* b'żewġ *k*, u mhux *sikti*.

NETT; kelma jafha kulħadd, u ngħiduha sikwit fi kliem bħal dan : *l-ewwel nett*, *l-aħħar nett*. Imma xi kittieba jaħbtu jdaħħluha fejn ma għandhiex tidħol, għalhekk dehirli tajjeb li nagħti tagħrifa żgħira. *Nett* hija klejma li tingħaqad ma' xi avverbi biex issaħħaħ it-tifsira tagħhom u taqbel mal-klejma ingliża *most* li tintrabat f'tarf ta' preposizzjoni jew xi drabi kelma oħra biex tagħtiha

tifsir ta' aġġettiv superlativ, bħal *foremost* = quddiem nett, *aftermost* = wara nett, *inmost* = ġewwa nett. Mela *nett* hija partiċella li xi drabi tagħmel is-superlativ. L-ebda Grammatka tal-Malti, barra minn dik ta' A. Cremona, li għadha kemm ħarġet, ma ssemmi dan l-użu tal-klejma *nett* (Ara *Tagħlim il-kitba Maltija* faċċ. 168). Għalhekk hu ħażin li tikteb: *it-tieni nett*, *it-tielet nett*, għaliex dawn il-kelmiet ma għandhomx u ma jistâx ikollhom tifsira superlativa.

BASSÂS; ħadd ma jkemmex xufftejh! Barra mit-tifsira li kulħadd jaf, din il-kelma għandha tifsira oħra, li għadha ħajja fil-Malti, li aktarx kulħadd jafha, iżda li mhux kulħadd jaf xi tfisser sewwa. Vassalli u Dessoulavy ma jġibuhiex. Falzon u Caruana jaħbtu jersqu bla ma jaslu. Wieħed li jitkixxef, biex iwassal lil ħaddieħor dak li jara u jisma' ma ngħidulux *bassâs*? Mela *bassâs* hu *spjun*. U din it-tifsira taqbel mal-Għarbi. Falzon u Caruana jagħtu lill-verb *bass* it-tifsira: *svelare un segreto*. Imma fil-Għarbi l-verb *bass*, li minnu ġej in-nom *bassâs*, ifisser: ħares minn taħt, bis-serqa, tkixxef (ara Dozy *Suppl. aux Dict. Arabes*). Ma nafx jekk il-verb *bass* għadniex ngħiduh f'dan is-sens. Hu xinhu din it-tifsira tingħażel mit-tifsira l-oħra tal-verb *bass* u ma nistgħux inqisuha bħala tifsira *figurativa*, bħalma jagħmlu Falzon u Caruana.

P. P. Saydon

# Poëti t-tnejn

Lil ħabibi Ġużè Chetcuti
poëta ta' Art twelidi.

*"Li kieku kont taf sew qalbi kemm tħobbok,*
*kont tisraqhieli u tħallini b'xejn!"*

V.E.K.A.

Il-kwiekeb jaqgħu, u tintemm id-dinja,
jitqanqal baħar illi jibla' l-art;
iżda le, ma tintemm l-imħabba tagħna,
ġnien wieħed mimli b'ħafna lwien ta' ward.

Tiftakar meta f'darek int ilqajtni
bdew ħaddejk u ħadejja jtajru n-nar?
Jien b'ruħi f'ruħek, w-inti b'qalbek f'qalbi,
bik kont qed noħlom jiena lejl u nhar!

Serqitni mħabbtek, safja, lejn Ilsienna
u għanjietek ħallietni bħal mitluf...
Jekk jiġi żmien li nqum minn din it-telfa,
klejjel indommlok biex int tkun magħruf.

Kemm drabi ħlomtok jien tishar maġenbi
fil-ljieli kollha ħemda w-kollha skiet
u dlonk b'qalb waħda konna mbagħ'd nittajru
mitlufa t-tnejn fil-għoli tas-smewwiet!

Romeo L. Psayla

# Għajdut Malti

*Issibu Għajdut ieħor fil-*'Malti' *ta' Sett., Diċ., 1934, Ġunju, 1935, Sett., Diċ. 1937 u Marzu 1938.*

Daħal fih in-nifsu
Il-ħin ħadni
Mikrum wara ommu
Qatel ruħu b'idejh
Xagħru sbul id-deheb.
Għadda minn għala widnejja
Ġdid fjammant
Ħsieb il-buttar fejn iqiegħed iċ-ċirku
Kien bit-tîr tiegħu
Donnu bajtra
Ġralha bħal bint l-armla
Qal f'qalbu
Ġieb ruħu
Ħlewwa ta' qalb
Il-qalb teħber
Kienu qalb waħda
Għadu ħalib ommu fi snienu
Intelaq għal mejjet
Ħadu b'ibnu u bin Alla
X'inqala' mill-ġdid
Għaddieha lixx
Fehemha d-daqqa
Kemm sa ġġibha bi kbira
Demmu jsawwatni
(Dak) ħabba ħażina
(Dak) erbgħa rbgħajja falza
Erbgħa u erbgħa, tmienja
Għamel plejtu fuq xejn
Il-wesgħa sservik dieqa
Iż-żejjed imbidded
Ħajta dlam oħra dawl
Ħażin daqs tengħuta
Tagħtihilniex b'għolja
Iftaħ għajnejk!
Mitt darba u elf...
Dawl ta' qamar tara ħabba
Faqqgħet il-bomba
Għal għajn ix-xemx
Kanta fuq il-mejjet
Stenna l-bajtra taqa' f'ħalqu

Taqta' żewġ u fart
Insaram għal darba
Għaddietlu żmerċ
Ġietu x-xoqqa f'moxtha
Daqs xeħta ta' ġebla
Tferfir ta' qalb
Ibki l-warrani
Qala' qalbu, fwiedu, ruħu
Ħadu ħawda
Ix-xemx ħaditu
Demmu xehbu
Għajnejh fil-ħofra
Tgħidx wisq...
Ma kellux biex jiżbogħ idu (kien fqir)
Għandu xi xamma, xi miċċa
Ħa r-ruħ
Art u saqaf
Ħobż mitluf
Ħmar jikkmanda 'l denbu
Ma fihx wixx
Baqa' lampa stampa
Wiċċu jrid jixkatta
Baħar jibla' l-art
Ħatba ta' l-infern
Il-forka għall-iżventurat
Qatta' msarnu (bil-għira)
Siequ fuq l-istaffa
Radd il-borma
Mar żmerċ
Saqajh fuq rasu
Għamel idu sassla
Cawla ħajda
Filaġju serqu l-bajd
(Kien) taħt l-ilma
Minn widna jidħol, minn oħra joħroġ
Qala' minn żniedu
Magħmula tagħna
B'sold tagħmel festa
Bħal erbgħa fost il-ġimgħa
Radd ruħu 'l Alla
Ara b'għajnejk u tmissx b'idejk.
Ħobż mimgħud

R. M. B.

# ŻEWĠ ROMANZI U GRAMMATKA.

Mill-aħħar ħarġa ta' dan il-Qari raw id-dawl tliet kotba ġodda bil-Malti miktubin bl-ortografija tagħna li jżidu u jagħilqu l-għadd sabiħ ta' dawn il-kotba għal din is-sena.

Dawn huma żewġ romanzi, wieħed jismu "Taħt tliet Saltniet" tal-Prof. Ġ. Aquilina u l-ieħor "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul u t-tieni ktieb tal-Grammatka Maltija ta' Ninu Cremona, it-"Tagħlim fuq il-Kitba Maltija"—tliet żidiet li jagħmlu ġieħ mhux biss lill-kittieba tagħhom iżda lil kull min hu Malti. Ngħidu xi ħaġa fuqhom.

Ir-romanzi :

Nixtiequ kellna ż-żmien u l-wisa' biex nagħmlu kritika fit-tul u, biex ingħidu hekk, komparativi ta' dawn iż-żewġ romanzi li ħarġu fl-istess sena u fi żmien qasir ta' inqas minn tliet xhur bejn wieħed u ieħor. Hawn irridu ngħidu li għalkemm it-tnejn miktubin tajjeb, it-tnejn sbieħ, jolqtuk u jħajruk taqrahom u tħajjar lil min jaqrahom, bejniethom hemm bħal għammieq li jifridhom għal kollox minn xulxin. L-istil ta' l-ewwel, jiġifieri tal-Prof. Aquilina fir-romanz tiegħu "Taħt tliet Saltniet" hu stil għoli u fih, biex ingħidu hekk, grad ta' letteratura li għad ma laħaqha ebda romanz ieħor bil-Malti: kliem għani u tqil, deskrizzjonijiet twal u eżawrjenti, riflessjonijiet f'waqthom u għalliema; waqt li l-istil ta' l-ieħor, ta' Ġużè Ellul f'"Leli ta' Ħaż-Żgħir" hu stil iżjed ħelu u għal idejn kulħadd, stil li jiġbdek iżjed, kelma ħafifa li tfisser kull ma trid tfisser, deskrizzjonijiet qosra u ħajja bħal erba' daqqiet ta' pinzell li bihom pittur imħarreġ jaf ipinġilek dehriet li qatt ma toħlomhom għad li dejjem ikunu mdawrin miegħek.

Fir-romanz ta' Aquilina ltqajna wkoll ma' għadd kbir ta' kliem li ħafna huma dawk li ma jafux xi jfisser u mhux żgur isibuh fid-Dizzjunarji. Kliem bħal dan, għad li mhux ta' min jitilfu u għalhekk ta' min idaħħlu kemm jista' mhux biss fil-poeżija iżda wkoll fil-proża, itaqqal ħafna l-qari u jtellef dik il-ħeġġa li jkollu l-qarrej biex itemm il-qari tal-ktieb; dal-kliem, ġdid għal xi wħud, iżda qadim bil-bosta u

ħaj f'ħalq in-nies tar-rħula tagħna, jagħni ħafna lill-vokabolarju malti, u jekk wieħed jagħraf idaħħlu bil-qies, fejn jinħtieġ u bla ma jdejjaq ikun qed jagħmel ġid kbir u ta' min jafhulu lil-letteratura maltija.

Jekk ma jaqblux fl-istil tal-kitba dawn iż-żewġ romanzi lanqas ma jaqblu fil-ġrajja. Il-ġrajja tal-ktieb ta' Aquilina qiegħda fuq persunaġġ li mhux għalkemm issib bħalu u ma nafux jekk jistax ikun li qatt kien hawn wieħed bħalu f'Malta l-iżjed f'dawk iż-żmenijiet: li bniedem nobbli qiegħed ma' ommu, mara fiergħa u medhija biss bin-nobbiltà ta' niesha, jitgħarras ma' bint ir-raba', jagħmilha biss ma' raħħala u nies foqra, isib mara tallaba, marida, idaħħalha tmut fid-dar ta' ommu, jasal biex jitlaq minn dar ommu, u fl-aħħar jispiċċa biex jinża' ħwejġu u jibda jagħżaq l-art huwa stess.... huma ħwejjeġ li—għal min ma jifhemx sewwa l-ispirtu tar-romanz, jiġifieri li dak il-persunaġġ qiegħed hemm biex juri "ideal" li bih l-awtur irid ifisser u jħoll problemi u kwistjonijiet soċjali—għandhom il-ħila jġibu fuq ix-xofftejn bħal tbissima mqarrsa mqarrsa u l-kelmiet: "Ma nafx jistax ikun"; mhux hekk, iżda, ir-romanz ta' Ellul: il-ġrajja u l-persunaġġi ta' "Leli ta' Ħaż-Żgħir" huma ġrajja u nies li bħalhom naraw u niltaqgħu magħhom kull jum u kull imkien, fih impittra l-ħajja kif ingħixuha aħna, u min jaqra, wara kull kapitlu, kemm-il-darba jkollu jieqaf u jgħid "dan kollu minnu", u "dan rajtu b'għajnejja" jekk mhux ukoll "dan ġara lili".

F'hekk ma jaqblux dawn iż-żewġ romanzi, għad illi t-tnejn, kif ġa għidna, huma sbieħ tassew u għalhekk nifirħu bil-qalb lill-kittieba tagħhom u fl-istess ħin nifirħu wkoll lit-Tabib Bonnici li ħariġhom it-tnejn fil-"Ġabra ta' Kitba Maltija" tiegħu.

Il-Grammatka :

Ktieb ta' Grammatka maltija bil-Malti ta' għoli bħal din li ħareġ issa Ninu Cremona ilha ħafna tinħass il-ħtieġa tiegħu. Il-kotba ta' grammatka bil-Malti li kellna qabel (neħħi t-*Tagħrif*) jew għad-daqs, jew għall-ortografija tagħhom, kellhom dejjem xi ħaġa nieqsa li issa żgur li tinsab f'din il-ħarġa. Ktieb imdaqqas, fih 232 faċċata mimlija tagħlim ta' ortografija, morfoloġija u sintassi u fih ukoll għadd sabiħ ta' eserċiżżji għal min irid jitħarreġ fil-kitba u t-tiswir tajjeb tal-kelma maltija. Jogħġobna ħafna t-tqassim tiegħu għal dik li hija morfoloġija li bla ma jitbiegħed wisq minn dak li titlob il-grammatka ta' l-ilsna semitiċi, iżomm il-metodi

ta' tagħlim tal-grammatka Taljana u Ingliża, jiġifieri kif hu mdorri bihom l-istudent, li ta' kuljum irid iħabbat wiċċu magħhom ma' tul il-kors ta' l-istudji tiegħu. Iżda billi hu maħsub ukoll għall-istudenti tal-Liċeo u għall-kandidati għall-eżamijiet pubbliċi, jidhrilna li għall-istudenti dan il-ktieb huwa mgħobbi ż-żejjed b'definizzjonijiet u ismijiet imdaħħla f'xulxin, tempijiet sekondarji ta' verbi, forom ta' nomi li jistgħu jfixklu jew jaqtgħu qalb l-istudenti, għad li huma meħtieġa biex ikollna grammatka kompita tal-Ilsien Malti.

F. S. C.

Kotba li ħarġu ma' tul is-sena u li għadna ma semmejnihomx f'dan il-Qari:—

Patri Ġorg Xerri, O.F.M., S. Baskal Baylon pp. 62. Lux Press.

Fra Ġerardu minn Ħaż-Żabbar. Kemm hi ħafifa il-Ħajja Qaddisa. pp. 140. Empire Press.

# Nagħtu s-Sena t-Tajba lill-Imseħbin u lill-Qarrejja kollha.

# WERREJ TA' L-ERBATAX-IL SENA


| | | |
|---|---|---|
| Iż-żmien u s-Sabar fil-KitbaMaltija. . . | | 3 |
| Dan min hu ? . . . . . . | Dun Karm | 6 |
| 'L hawn u 'l hemm fid-Dizzjunarju tal-Malti | P.P. Saydon | 8-108 |
| Biċċa mill-Istorja tal-Knisja ta' Malta . . | M. D. | 10 |
| Ħajja Qasira . . . . . . | K. Vassallo | 12 |
| It-Tliet Grazzji . . . . . | I. Muscat-Azzopardi | 13 |
| Epithalamion . . . . . . | G. Chetcuti | 20 |
| Il-Mewt ta' Nonny. . . . . | L. Cutajar | 21 |
| Frak . . . . . . . . | D.K. | 24 |
| Għajdut Malti . . . . . . | R.M B. | 25-112 |
| Eżami tal-Malti . . . . . . | | 26 |
| Xinhi letteratura—Għalfejn tiswa . . . | | 33 |
| Nirien ta' Mħabba . . . . . . | D. Karm | 36 |
| Il-Vinturi tal-għaġeb tal-Baruni Munchausen . | F.S.C. | 37 |
| Lill-Mitħna tal-Għaqba . . . . . . | M. Agius | 44 |
| Ġammarija Kassja . . . . . . | G. Calleja | 45 |
| In-Nisel ta' l-isem ta' "Għawdex" . . | G. Micallef | 53 |
| Kliem Malti f'Ilsna oħra ta' l-Ewropa . . | A. C. | 54 |
| Iż-Żagħżugħ agħma . . . . . . | K. Muscat | 58 |
| Kotba ġodda . . . . . . . . | | 59-73-82 |
| Raġuni—mhux ġlied u tgħajjir . . . | | 61 |
| Il-Firma . . . . . . . | Ivo Muscat-Azzopardi | 63 |
| Daqsxejn ta' Nota Ortografika . . . . | D.K. | 67 |
| Il-Lampa tas-Sagrament—Lill-Pjaċir—Il-Balluta Mwaqqgħa . . . . . . . . | D.K. | 68 |
| Il-Għerf tal-Ġnus . . . . . . | C.M.D. | 70 |
| Il-Ħakem Baldassâr . . . . . . | R.M.B. | 72 |
| Kittieba Maltin u Kotba bil-Malti . . | F.S.C. | 75 |
| Biblijografija | Ġ. Chetcuti, D. K., A. Farrugia Rigaud S. | 82 |
| Il-Ilsien Malti u ilsna oħra . . . . . | | 89 |
| Lill-Madonna tal-Karmnu . . . . . | D.K. | 91 |
| Il-Lejl tal-Milied . . . . . . | Ġ. Ellul | 92 |
| Fid-dlam tal-lejl . . . . . . | Ġ Chetcuti | 97 |
| Tagħrifa żgħira . . . . . . | P.P. Saydon | 98 |
| Liż-Żagħżugħ Poeta . . . . . | R.M.B. | 99 |
| Seħer f'Ħaġar Qim . . . . . | L. Cutajar | 100 |
| L-ewwel Imħabba . . . . . | Ġ. Chetcuti | 106 |
| Lill-Kanarin . . . . . . | D.K. | 107 |
| Poeti t-tnejn . . . . . . | R. L. Psayla | 111 |
| Żewġ Romanzi u Grammatka . . | F.S.C. | 114 |

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, c/o "Empire Press" Valletta.